**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 58– IT-TNEJN, 14 TA' DIĊEMBRU 2015 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier (6.00pm) |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.10pm) |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier (5.55pm) |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 57**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello DuPuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 51**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Performance Bonus**

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill matul is-sena 2015. Kien hemm konsensus li, minkejja nuqqasijiet żgħar bhal nuqqas ta komunikazzjoni bejn dak li jiddecidi l kunsillu ghal dak li jigu infurmati bih l iskrivani. u li ghandhom jigu indirizzati din is sena ix-xogħol tagħhom kien wieħed tajjeb ħafna. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ipporpona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata 10% performance bonus. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li l-istaff tal-Kunsill għandhom jingħataw 6% Performance Bonus. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unaimu.

Is-Sur Mikhail Micallef daħal għal-laqgħa fis-5.55pm

**4 Korrispondenza**

4.1 Il-Kunsill innotata Memo 34/2015 rigward il-latrini pubbliċi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandu laqgħa ma' rappreżentanti tal-MTA fuq il-latrina ta' San Ġwann.

Is-Sinjura Rita Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.00pm

4.2 Ġiet innutata korrispondenza minn resident minn Ta' Żwejt rigward CCTV cameras u korrispondenza preċedenti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis għandu jirrispondi għal din.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

5.1 Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG fejn ġejna nfurmati li ser jiffinanzjaw 2 wifi hotspots oħra huma. Ġie deċiż li dawn isiru fi Triq l-Iskola / Misraħ Ċentawrija u l-oħra ssir fi Triq Kampanella quddiem il-ground tal-football. Kien hemm qbil fuq din.

5,2 Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza minn GreenPak. Dawn għamlu kalendajru biex jitqassmu lir-residenti ta' San Ġwann. Il-Kunsill għandu jitlob lil GreenPak biex dawn il-kalendarji jitqassmu minnhom stess. Kien hemm qbil li jekk dawn ma jaċċettawx, il-Kunsill iqassamhom hu.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.10pm

**6 Affarjiet Oħra**

5.1 Is-Sur Dominic Cassar staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-kuntrattur tal-ġonna u s-soft areas. Il-Kunsill għandu jibgħat reminder lill-Avukat tal-Kunsill u anke lid-Direttur DLG.

5.1.1 Is-Sur Cassar tkellem ukoll fuq it-talba għat-tnehhija tat-timed parking fis-Service Road ta' Vjal ir-Riħan. Wara diskussjoni, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jitawwal l-ħin permessibbli tat-timed parking fis-Service road ta' Vjal ir-Riħan għal 75 minutes, għas-service road ta' fejn hemm il-VGB kif ukoll ta' fejn hemm is-Savemart. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 6 favur (Etienne Bonello Du Puis, Rita Saliba, Malcolm Abdilla, Dominic Cassar, Joan Farrugia, u Mikhail Micallef) u 3 astensjoni (Marica Bayliss, Trevor Fenech u Neville Mallia.) Dawk li kienu astjenew, ma qablux fuq il-ħin ta' 75 minutes. Ġie deċiż li jsiru arloġġi bil-logo tal-Kunsill li jintużaw fil-karozzi biex jitqassmu lir-residenti.

5.1.2 Is-Sur Cassar talab biex tiġi refreshed iż-zebra crossing fi Triq Birkirkara. Kien hemm qbil fuq din.

Is-Sur Dominic Cassar skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.45pm.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex issir mappa ġdida ta' San Ġwann peress li hemm bhalissa hija aktar minn 20 sena antika u hemm xi toroq ġodda li ma jidhrux. Kien hemm qbil fuq dan. fakret ukoll li kellhom isiru l-information packs peress li kienu spiċċaw. kien hemm qbil ukol li johodha fidejh is-segretarju.

5.3 Is-Sur Malcolm Abdilla fakkar li jrid isir ix-xogħol fi Triq is-Santwarju biex titneħħa s-sigra li hemm fuq il-bankina u tiġi rranġata l-bankina.

5.4 Is-Sur Mikhail Micallef tkellem fuq l-ispeed eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq Ġużè Borg. Ġie innutat li din hija problema f'ħafna toroq f'San Ġwann.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**